**L-Assessjar Summattiv għall-Malti bħala Lingwa Barranija fis-7 u t-8 Sena – Rotta 1-2-3**

L-assessjar summattiv għall-Malti bħala Lingwa Barranija fis-7 u t-8 sena għal kull rotta jkopri **60%** tal-marka globali. L-**40%** l-oħra huma assessjar kontinwu li jsir matul is-sena. Dwar kif isir l-assessjar kontinwu u kif tinħadem il-marka ara d-dokument dwar l-assessjar kontinwu MLB fuq is-sit [www.malti.skola.edu.mt](http://www.malti.skola.edu.mt)

L-assessjar summattiv tal-Malti bħala Lingwa Barranija fis-7 u t-8 sena jsir fl-aħħar tas-sena meta jsir l-eżami tal-Malti. Se jkun fih il-komponent tal-oral li jsir meta jsir l-eżami orali tal-Malti.

Il-komponenti kollha tal-Malti bħala lingwa barranija u t-tqassim tal-Marki għall-assessjar summattiv se jkun hekk:

1. L-**Oral - 15-il marka (10 minuti)**

- Waqt l-oral tingħata silta fejn isir qari mgħajjat skont kif jitolbu l-kisbiet tas-sillabu. (2 marki)
- Isiru 2 mistoqsijiet ħfief dwar dak li nqara. ( 4 marki – 2 marki kull waħda)
- Taħdita megħjuna b'mistoqsijiet dwar it-temi mgħallma. (9 marki li jingħataw skont kriterji mogħtija)

2. I**l-Karta tas-Smigħ – 15 –il marka (30 minuta)**

L-istudenti jisimgħu test moqri jew irrekordjat, b'tul u ġeneru skont kif jitolbu l-kisbiet mgħallma. Il-mistoqsijiet jkunu forma ta':

agħżel it-tweġiba t-tajba

għid hux veru jew falz

qabbel

3. **Il-Karta tal-Qari u l-Kitba – 30 marka (90 minuta)**

- Fehim mill-qari ta' silta li tkun ta' tul u ġeneru skont kif jitolbu l-kisbiet mgħallma. Il-maġġorparti tal-mistoqsijiet ikunu referenzjali. Lejn l-aħħar tingħata mistoqsija inferenzjali. (10 marki li jistgħu jitqassmu hekk 1-1-1-2-2-3)
- Grammatika mħaddma f'kuntest/paragrafu qasir skont l-aspetti mogħtija fis-sillabu. (5 marki)
- Kitba skont kif jitolbu l-kisbiet mgħallma kif ukoll il-livell. (15-il marka)
  F'din is-sezzjoni tingħata għażla minn 3 biex l-istudenti jwieġbu waħda.